# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tas-17 t'April 2023**

**Talba nru. 329/2020**

**ALDO SALIBA**
**(KI 0169772M)**

*VERSUS*

**MICHEL (MICHAEL) PEPLOW**
**(KI 232572M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentata fis-16 ta' Dicembru 2020 l-attur ippremetta illi huwa kien gie imqabbad mill-konvenut sabiex iwettaq xogholijiet ta' dawl u ilma, kif ukoll ix-xiri ta' materjal ancillary fil-fond Mayfair Court, Block C, Flat 25, Triq il-Pellikani Tarxien li hija propjeta tal-konvenut. Illi s-servizzi rezi kif ukoll fornitura tal-materjal ammontaw ghas-somma komplessiva ta' disat elef sitt mija u tlieta u sebghin Ewro. Illi minn dan il-kont kien ghad fadal bilanc ta' tlett elef disgha mija u tmienja u erbhgin Ewro (Eur 3,948.00) x jithallas mill-konvenut.

Ra illi ghaldaqstant l-attur talab sabiex il-konvenut jigi kkundanat ihallas s-somma ta' tlett elef disgha mija u tmienja u erbghin Ewro (Eur 3,948.00) flimkien ma' spejjez u imghaxijiet.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fil-21 ta' Jannar 2021 (Fol.11) u li ressaq risposta fit-3 ta' Frar 2021 fejn eccepixxa illi l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut stante illi l-kont tieghu huwa esagerat bil-bosta. Illi l-attur kien mitlub diversi drabi sabiex iforni stima tal-prezzijiet tieghu izda dan naqas li jaghmlu u kien biss meta lesta x-xogholijiet li dan qabad u hareg dan il-kont. Illi sa llum l-attur ghadu ma harigx ircevuta fiskali lill-konvenut.

Ra l-affidavits ta' Aldo Saliba u Christine Saliba, Michael Peplow;

Sema l-kontro-ezamijiet;

Ra d-dokumenti prezentati;

Ra l-atti processwali;

Sema t-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri;

Provi

Illi qabel dan it-Tribunal jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ser issir sintezi tal-provi migbura.

Illi permezz ta' affidavit l-attur iddikjara illi huwa kien ta stima ta' plumbing fis-sena 2007 lil Etienne Azzopardi u Michael Peplow ghal xoghol go penthouse f' Haz-Zabbar. L-attur jghid illi matul ix-xogholijiet li kien qed jesegwixxi bdiet tinbet hbiberija u l-attur kien ihoss li kien jigi fdat minn dawn iz-zewg persuni li kkumissjonawh jaghmel dawn ix-xogholijiet.

L-attur jghid illi kien jigi mqabbad kemm-il darba jmur jaghmel xi tiswijiet fid-dawl ta' l-imsemmija penthouse, xoghol li kien sar lil Etiene Azzopardi u Michael Peplow. Meta l-konvenut ried li jixtri post ghal rasu, huwa kien informal lill-attur illi xtaqu jehodlu hsieb ix-xoghol kollu tad-dawl u ilma u li kien ser ihallsu ta' dan ix-xoghol. Ix-xhud jghid li l-konvenut qatt ma talbu stima.

Il-konvenut kien xtara post lejn il-Fgura/Tarxien u staqsa lill-attur sabiex jaghmillu x-xogholijiet tad-dawl u ilma minghajr ma talbu quotation. Dan ix-xoghol dam sejjer madwar sena u nofs fuq bazi part time. F'dan il-perjodu, l-konvenut kien ikun ta' spiss imsiefer u ghaldaqstant ma kienx ikun prezenti biex jara l-progress tax-xogholijiet u l-problemi li bdew jinqalghu maz-zmien. Ix-xhud jghid illi meta x-xogholijiet resqu lejn tmiemhom beda jitfacca l-konvenut fuq il-post u l-attur kien jispjegalu x ghamel bhala xoghol bil-vantaggi u differenzi ta' installazzjonijiet ohra. Huwa jghid illi t-twegiba tal-konvenut kienet tkun dejjem, "*ghamilli l-aqwa*".

L-attur jghid li lesta x-xogholijiet f'Marzu tas-sena 2020 u f'Lulju kien hejja l-kont li kien jinkludi l-materjal li kien xtara. Il-kont imhjejji kien itemised biex l-konvenut ikun jista jara x-xoghol x'involva. Ir-risposta ghal dan il-kont mibghut kien, "*Thank you for sending it, but I disagree with this bill Aldo. As I told you before I am not paying 9600 euro for a max job of 5000 euro and you know that Aldo*."

Ix-xhud ikompli jghid illi ftit wara li kien baghat dan il-kont, l-attur kien ghaddej minn hjdejn il-post tal-konvenut u kien waqaf biex ikellmu. F' din il-gurnata, l-konvenut kien tah tlett elef ewro lill-attur u giet iffirmata karta bejn il-partijiet bhala ricevuta. Fl-14 t' Awwissu 2020 l-attur kien ircieva bank transfer ta' Eur 2,500.00. Wara dan il-hlas, il-konvenut kien informa lill-attur li fl-opinjoni tieghu kien hallas bizzejjed ghax-xogholijiet li saru u ghaldaqstant il-bilanc ta' Eur 3,948 ma kienx ser jithallas,

Christine Spiteri li hija mart l-attur xehdet illi kienet taf illi l-konvenut kien talab lill-attur sabiex jaghmillu xogholijiet ta' dawl u ilma fil-post il-gdid tieghu. Ix-xhud tghid illi tant kien hemm relazzjoni soda bejn il-konvenut u l-attur illi meta x-xhud izzewwget lill-attur, kienu qabbdu lill-konvenut sabiex ikun wiehed mix-xhieda taz-zwieg. Ix-xhud kienet cemplet lill-konvenut meta

dan ma riedx ihallas il-bilanc lill-attur u dan kien qallha li hallas kemm deherlu hu ghax skondu x-xoghol ma jiswiex kemm kien qed jghid l-attur.

Fis-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2021, l-attur iddikjara li kien ezawrixxa l-provi kollha tieghu.

Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022 il-konvenut ressaq l-affidavit tieghu fejn stqarr illi kien talab lill-attur ghal habta ta' 2019 sabiex jaghmillu xi xogholijiet f'appartament li l-konvenut kien xtara fi stat ta' shell. Il-konvenut jghid illi l-attur kien accetta li jaghmel ix-xogholijet lill-konvenut bil-kundizzjoni li ma jissikkahx fil-hin minhabba li l-attur kien jahdem full time f post iehor u kellu d-dar tieghu x jahdem. Ghal habta ta' Marzu u April 2020, l-konvenut jghid li kien imur ighin lill-attur kif jista ghaliex kien bla xoghol minhabba l-pandemija.

Il-konvenut jghid fl-affidavit tieghu illi kien isaqsi lill-attur kemm-il darba kemm kienet ser tigi l-ispiza imma l-attur "*dejjem evita li jghidli, sahansitra l-ahhar darba li staqsejtu qalli 'tghidx mhux ser ikollok bzonn xi loan biex thallasni'*."

Il-konvenut ighid lli l-attur qatt ma tah hjiel jew stima ta' l-ispiza izda l-konvenut kien jaf kemm jigu stmati dawn ix-xogholijiet "*dan kont nafu ghax kelli klijenti li kienu qed jaghmlu l-istess xoghol f darhom u kelli wkoll hbieb tieghi li kienu qed jaghmlu d-dar taghhom,. . .*" Ghall-habta tal-15 ta' Mejju 2020 l-konvenut kien saqsa lill-attur dwar l-ispiza u dan kien wiegbu li kienet tammonta ghal Eur 9500. Il-konvenut mill-ewwel kien ra l-ammont gholi u kien talab li jsir itemised bill. Il-konvenut kien kellem lil xi hadd Matthew fejn ikkalkula l-ispiza u li ikkonkluda li ma kelliex taqbez il-Eur 5000. Fit-13 ta' Lulju 2020 il-konvenut kien ircieva itemised bill minghand l-attur li dan ta' l-ahhar iqis bhala wiehed esagerat u li l-prezzijiet gholew biex jaslu ghall-ammont ta' Eur 9500.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut jaghmel referenza partikolari ghall-installazjoni tat-tank u pajpijiet gox-xaft li l-attur nizzel bhala Eur 1200 meta t-tank gie mixri mill-konvenut u kien ga impoggi fuq il-bejt. Il-konvenut kien avvicina wkoll lil Inginier Victor Bonello fejn "*ikkonfermali li l-prezz huwa gholi esagerat*"(Fol. 43) Christopher Micallef kien ukoll ta stima u prezzijiet ta' xogholijiet ta' dawl u ilma fejn kien ikkonferma wkoll illi l-prezzijiet kienu gholjin.

Fl-istess seduta tal-15 ta' Frar 2022, il-konvenut kien ezawrixxa l-provi tieghu u kien sari il-konto-ezami ta' l-attur Aldo Saliba. L-attur insista li l-konvenut qatt ma kien talbu quotation anke ghaliex l-konvenut kien ried lill-attur jaghmillu x-xoghol.

L-attur jghid illi huwa kien ga thallas l-ammont ta' tlett elef Ewro meta beda jhejji l-itemised billi u cioe f'Lulju 2020. Ix-xhud jghid ukoll illi l-konvenut kien insista mieghu sabiex jaghtih kont dettaljat appena kien tlesta x-xoghol – "*Meta insista mieghu kien fl-ahhar tax-xoghol fejn ix-xoghol kien diga lest, milli ghamilt u eventwalment ghidtlu orajt, ghidtlu issa nigi, nara x'hemm, u naghmel il-kont u ghamiltlu itemised bill*." (Fol. 32) Ix-xhud jghid illi huwa kien mitlub jaghmel xogholijet li jkunu "l-aqwa" kif mitlub mill-konvenut.

Fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2022 xehed il-konvenut in kontro ezami fejn ikkonferma illi huwa qatt ma kien tkellem ma' l-attur illi l-budget tieghu kien li ma jaqbizx is-sitt elef Ewro. Ix-xhud jghid illi huwa wasal ghall-fatt li l-kont moghti mill-attur kien gholi a bazi ta' dak li intqal lilu minn diversi nies fosthom Ing, Victor Bonello permezz ta' email. Il-konvenut wasal ghall-konkluzjoni li r-rati kienu esagerati a bazi ta' l-impressjoni unilaterali tieghu. (Fol.56). Mistoqsi jafx kemm il-circuit tad-dawl ghandu, il-konvenut wiegeb li ma kienx jaf. Izda l-konvenut jikkonferma illi kien talab lill-attur sabiex il-fridge ikollha circuit separat. Jikkonferma wkoll illi lill-persuni li talabom stima

sabiex jiccekkja l-prezzijiet, ma kienux jafu li hemm circuits iktar min-normali ghaliex lanqas saqsew meta kienu marru fuq il-post. (Fol.58). Mistoqsi mit-Tribunal a Fol. 60 jekk kienx sar xi ftehim bejn l-attur u l-konvenut qabel beda x-xogholijiet, il-konvenut wiegeb li le ghax kien ilu jafu ghal tnax-il sena. Il-konvenut ikkonferma wkoll illi wara li kien ircieva l-kont, wara hmistax-il gurnata, huwa kien ghamel hlas ta' tlett elef f'cash.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta nuqqas ta' hlas li jammonta ghal bilanc ferm ikbar ghal xogholijiet li saru mill-attur fil-fond tal-konvenut. Illi huwa car u mhux kontestat illi bejn il-partijiet kien hemm certu fiducja tant illi l-konvenut qabbad lill-attur jaghmel ix-xogholijet ta' dawl fil-fond tieghu Hal-Tarxien minghajr ma talbu l-ebda stima.

Illi komplessivament l-ammont totali li l-attur talab lill-konvenut kien ta' Eur 9673.00 izda l-konvenut hallas zewg pagamenti fl-ammont totali ta' Eur 5500 u ghaldaqstant ghad baqa bilanc ta' Eur 3948.00.

Il-konvenut wara li hallas l-ammont ta' Eur 5500 kien ghamilha cara illi ma kienx ser ihallas iktar minn dan il-kont epprezentat mill-attur ghaliex skond hu il-prezzijiet li beda jitolbu l-attur kienu esagerati. Il-konvenut sahansitra gab stejjem ohra u saqsa nies professjonisti dwar dawn ix-xogholijiet u dawn kollha qablu mieghu li uhud mill-prezzijiet kienu gholjin meta mqabbla mal-prezzijiet fis-suq.

Illi t-Tribunal irid jinnota f'dan l-istadju illi minkejja li l-konvenut ipprezenta dokumenti f'forma ta' emails u quotations ohra migjuba minn terzi, dawn l-istess nies qatt ma tressqu sabiex jaghtu l-verzjoni taghhom u jispjegaw fuq liema bazi hadmu l-prezzijiet. Illi huwa cert u fi kliem il-konvenut stess, illi dawn it-terzi li taw l-opinjoni taghhom raw ix-xoghol lest u ma saqsew l-ebda domanda dwar kif sar ix-xoghol jew x jikkonsisti x-xoghol li sar ezattament. Illi dawn id-dokumenti kienu annessi ma' l-affidavit ta' l-istess konvenut.

Illi kif tajjeb jgħid il-ġurista Francesco Ricci fl-opra tiegħu Commento al Codice di Procedura Civile Italiano *"Il convenuto puó difendersi in doppio modo; respingendo ċioé semplicement le contrarie pretese, ovvero elevando altre pretese che elidano quelle dell' attore. Nella prima iportesi, nulla affera, ma nega quanto ha aserito l'attore; quindi a lui non puó farsi carico di prova alcuna. Nella seconda invece, il convenuto non solo nega, ma afferma a sua volta; ed é giusto che tale affermazione, in omaggio al principio d'eguaglianza, non proca effetto se non sia provata"* – Vol II, Delle Prove, Delle Sentenze e Dei Mezzi Per Impugnarle, Eugenioe e Filippo Cammelli, 1886.

Fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April, 2007 ġie ritenut hekk: *"irregola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib ilprova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')."*

Illi l-konvenut jidher illi tant kien konvint bix-xoghol tajjeb li jaghmel l-attur illi ma kienx interessat igib prezzijiet ohra jew sahansitra jkollu stima f'idejh ta' dak li kien ser ihallas. It-Tribunal huwa tal-fehma illi wara li jkun sar ix-xoghol u saru pagamenti akkont ta' l-istess ammont, il-konvenut

ma setax jiddeciedi arbitrarjament illi l-prezzijiet kienu gholja wisq.  Lanqas jaghmel tant sens illi l-prezzijiet ghal tali xogholijiet jingiebu wara li jkunu lesti x-xogholijiet minn terzi u l-konvenut kien ga hallas iktar minn hamsin fil-mija mill-istess ammont.

Illi l-konvenut kien fid-dover illi meta qabbad lill-attur u tah ix-xogholijiet, isaqsi ghal stima ghaliex minghajr din l-istima kien evidenti illi l-prezzijiet setghu ivarjaw b'mod liberu.  Izda galadarba x-xogholijiet kienu lesti u a sodisfazzjoni ta' l-istess konvenut, wiehed ma jistax jikkontesta l-ammont mitlub minghajr ma jingiebu provi konkreti illi dawn kienu esagerati meta mqabbla max-xogholijiet li saru.

Illi tenut kont ta dan, it-Tribunal ha nota wkoll ghall-ammissjoni tal-konvenut illi huwa ried certu specifications bhal circuits separati ghal fridge u partikolarijiet ohra li jsemmi hu stess fix-xhieda tieghu.

Illi fil-kunsiderazzonijiet tieghu, dan it-Tribunal jaghti importanza kbira ghal fatt illi appena inghata l-kont ta' disat elef sitt mija tlieta u sebghin Ewro, il-konvenut kien pront ihallas tlett elef minnom. Ftit taz-zmien wara il-konvenut rega ghadda l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro.

Illi t-Tribunal ma jqisx illi l-konvenut jista arbitrarjament jiddeciedi li jhallas lill-attur li ghamillu x-xogholijet kollha a sodisfazzjoni tieghu, dak l-ammont li issa huwa jidhirlu xieraq ihallas jew ossia fuq il-bazi ta' x kien izomm haddiehor kieku ghamel dawn ix-xogholijet.  It-Tribunal jerga jtenni li tali ezercizzji ghandhom isiru qabel jinbdew ix-xogholijiet u mhux wara li sahansitra johrog il-kont u jsir hlas akkont ta' l-istess itemised bill.  Il-konvenut f'dan ir-rigwad jinsisti illi hallas bizzejjed minn dak li hu dovut.  Hija l-fehma ta' dan it-Tribunal illi n-nuqqas tal-konvenut li jitlob stima dettaljata qabel inbdew ix-xogholijiet ma tistax issa tahdem kontra l-attur li nizzel b'mod dettaljat il-prezzijiet ghax-xogholijiet li ghamel.

Illi l-pagamenti akkont ta' l-ammont mahrug mill-attur twassal ghal stqarrija ta' ammissjoni ta' obbligazzjoni ta' hlas a favur l-attur.

Hija ta' spiss ġustament ċitata s-sentenza fl-ismijiet "Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. Et", (App Ċiv Nru: 532/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009 fejn ġie ritenut hekk: "*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghall principju illi omnia labor, optat premium*."

Illi tajjeb li jiġi mfakkar li eċċezzjoni, bħal talba, tibqa biss mera allegazzjoni mingħajr is-sostenn tal-prova konvinċenti.  Ċertament illi ma għandux ikun it-Tribunal illi jagħmel dak li parti għandha tagħmel f'kawża. Kien jinkombi fuqu li jipprova dan id-dannu. B'hekk jiġi li l-konvenut naqas milli jsewgi l-massima reus in excipiendo fit actor. Dan it-Tribunal ġie offrut biss verżjoni unika tal-konvenut u xejn aktar. Illi ghaldaqstant l-ammont mitlub ma jirriżultax li huwa wieħed eżaġerat u ġie kkonfermat li huwa l-ammont ta' xogħol li twettaq mill-attur. Ta dan għandu jitħallas.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din it-Talba billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett elef disgha mija tmienja u erbghin Ewro (Eur

3948.00) bl-imghax ta' 8% li jibda jiddekkorri mis-7 ta' Settembru 2020 sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza flimkien ma' l-ispejjez ta' l-ittra ufficcjali 1794/2020 ghandom jithallsu mill-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur